DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 190057** **15.01.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U L-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U MIS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI U KOMUNITAJIET**

***Ftehim bejn il-Bank tad-Demm u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali***

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Chris Fearne u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet Silvio Parnis ippresedew fuq l-iffirmar ta' ftehim bejn il-Bank Nazzjonali tad-Demm u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li permezz tiegħu se jkun hemm aktar għarfien u inkoraġġiment fejn wieħed joħloq inizjattivi fil-lokal tiegħu ħalli jkun hemm aktar konkorrenza miċ-ċittadini biex jagħtu d-demm. Huwa ttamat li permezz ta' dan il-ftehim jinġabru madwar elf borża demm fis-sena mill-attivitajiet imtella' mill-kunsilli lokali.

Id-Deputat Prim Ministru ddeskrieva l-għoti tad-demm bħala att ta' ġenerożità kbira filwaqt li fakkar li fl-isptarijiet hija meħtieġa medja ta' 50 borża demm kuljum. Huwa rrefera għall-fatt li l-Gvern qiegħed jgħaddi l-bereġ tas-saħħa fl-ibliet u l-irħula lill-kunsilli lokali u dan ukoll għandu jgħin għal aktar kollaborazzjoni bejn il-gvern u l-kunsilli lokali fil-qasam tas-saħħa. Filwaqt li rrefera għad-diversi attivitajiet li jsiru għal aktar ġbir ta' demm u anke rrefera għall-ħinijiet stabbiliti li matulhom il-Bank tad-Demm ikun miftuħ għall-ġbir ta' demm, irrefera wkoll għall-ġbir li jsir mill-Mobile Unit li minn nhar il-Ħadd li ġej se terġa' tibda ddur ma' diversi lokalitajiet wara li fil-ġimgħat li għaddew saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuqha.

Min-naħa tiegħu s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet Silvio Parnis qal li l-kunsilli lokali huma l-livell ta' awtorità l-aktar qrib iċ-ċittadin u huwa importanti li dawn jimirħu fl-oqsma li l-aktar li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum tar-residenti tagħhom. Filwaqt li l-kunsilli lokali għandhom joffru l-aqwa servizzi relatati mar-responsabbiltajiet tagħhom, fl-istess ħin dawn għandhom jaħdmu b'mod partikolari fil-qasam soċjali sabiex b'hekk iseddqu dejjem aktar is-sens komunitarju. Parnis qal wkoll li fir-riforma li għaddejja bħalissa fil-gvern lokali qed tingħata b'mod partikolari importanza lill-aspett soċjali. Huwa enfasizza l-importanza li wieħed jagħti d-demm u ħeġġeġ lill-kunsilli lokali kollha sabiex iżidu aktar għarfien dwar dan u joħolqu kemm jista' jkun inizjattivi li jħeġġu lir-residenti tagħna jagħtu d-demm.

B'dan il-ftehim il-kunsilli lokali qegħdin jikkommettu lilhom infushom li permezz ta' diversi mezzi jippromwovu l-għoti tad-demm fost ir-residenti, bl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tiddikjara li jkollha ġurnata fis-sena kalendarja tagħha biex hi wkoll torganizza attività ta' ġbir ta' demm. Min-naħa tiegħu s-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm obbliga ruħu li jassisti fl-attivitajiet tal-kunsilli lokali, jagħti rendikont ta' għotjiet ta' demm li jkunu nġabru minn kull lokalità, filwaqt li jippromwovi l-għoti tad-demm fil-lokalitajiet fuq siti soċjali u *media* oħra li l-istess Servizz ikun se jipparteċipa fiha.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

L-iffirmar tal-ftehim sar minn Dr Alex Aquilina, Direttur tas-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm, u mis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Preżenti għall-iffirmar kien hemm ukoll diversi sindki ta' kunsilli lokali.